## ATTENT ŻAGĦŻUGĦ

*Bkejt*
*għax rajt*
*kemm hu qalil iż-żmien*
*li bla waqfien*
*ixejjaħ żmien iż-żgħożija*
*hekk kif qatra nida*
*tinżel fuq werqa u x-xemx fiss*
*terġa' teħodha.*

*Bħal qatra nida,*
*hu żmien iż-żgħożija*
*tant hu sabiħ*
*tant fih tlellix ta' lwien*
*li ż-żgħożija tintilef fih;*
*– fil-qabda ilwien*
*li x-xemx ħanina*
*titfa' fuq din il-qatra ilma.*

*Iżda malajr jintfew l-ilwien*
*u l-qatra tisfa' fix-xejn;*
*hekk kif fix-xejn*
*jintemm il-ħolm –*
*il-ħolm sabiħ*
*il-ħolm li le jintemm –*
*il-ħolm jispiċċa,*
*u jħalli warajh żagħżugħ*
*– żagħżugħ tradut,*
*żagħżugħ fl-irwiefen tal-ħajja.*

FRANCIS MIFSUD

## ~~Lid-DIWI~~

*~~Smajtek warajja tibki,~~*
*~~warajja smajtek tnuħ,~~*
*~~tnehid ta' din ir-ruħ~~*
*~~tennejt,~~*